*Diskors mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta fl-okkażjoni tal-Premju Papa Ġwanni XXIII għat-Tjubija, organizzat mill-Laboratorju tal-Paċi, 15 ta' Ġunju 2018*

Huwa l-pjaċir tiegħi li ningħaqad magħkom, bħal kull sena, biex niċċelebraw ix-xogħol ta' fejda, li jwettaq il-Laboratorju tal-Paċi; u biex, nippremjaw żgħażugħ ieħor, għat-tjubija.

Qabel nibda ir-rimarki qosra tiegħi, xtaqt nieħu l-opportunita' biex nifraħ lil Patri Dijonisju Mintoff, għall-ħidma sfieqa tiegħu matul is-snin. Irrid nirringrazzja lil Patri Dijonisju Mintoff għall-viżjoni tiegħu, imma wkoll għaliex dejjem kien *champion* tal-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali f'pajjiżna.

Irrid nirringrazzja wkoll, lit-*team* kollu tal-Laboratorju tal-Paċi, talli għamel minn din l-okkażjoni, fejn niċċelebraw it-tjubija, l-altruwiżmu, il-ġenerożita' u l-inklużjoni, data mportanti fil-kalendarju nazzjonali.

Din l-okkażjoni annwali hija importanti, għaliex minn sena għall-oħra, nirrijaffermaw valuri li kuljum isiru aktar importanti, speċjalment għaliex, f'dinja li qed issir aktar egoista, mgħaġġla, u għatxana għas-suċċess individwali; dawn il-valuri faċli jiġu njorati jew jintesew.
Illum qed niċċelebraw il-kwalitajiet mill-isbaħ taż-żgħażugħ Owen Vassallo. Jiena impressjonata bil-ħbiberija li Owen żviluppa ma' sieħbu Jake......ħbiberija sinċiera ta' sapport għal sieħbu, biex iħossu mhux biss inkluż fl-iskola, iżda wkoll, biex l-esperjenza ta' l-iskola tagħmlu żgħażugħ aktar ferħan u komplut.

Għażiż Owen, inti eżempju ħaj ta' x'ġid nistgħu nagħmlu meta nkunu ġenwini fl-għajnuna li nagħtu lil ħaddieħor.

Qed tikkonfermalna kemm, nistgħu nagħmlu ġid lil ħaddieħor, anke b'inizjattivi li nwettqu waħedna.

Għaldaqstant irrid nappella liż-żgħażagħ Maltin u nieħu l-opportunita' biex nħeġġiġhom biex jkunu attivisti tal-inklużjoni, tal-ġustizzja, u tal-paċi, fost ħbiebhom, u fil-familji tagħhom, biex insaħħu l-komunitajiet tagħna, b'reżiljenza altruwista, għax ngħixu f'ambjent, fejn inħobbu aktar lil xulxin u nħossuna tassew maħbubin.

Irrid nappella liż-żgħażagħ ukoll, biex jagħmlu miż-żgħożija tagħhom, żmien f'ħajjithom, fejn l-esperjenzi, l-abbiltajiet u l-kwalitajiet tagħhom, jużawhom biex joħolqu opportunitajiet ta' fejda b'risq is-soċjeta' li qed jgħixu fiha; ħalli jibnu pajjiż li jkun tassew miftuħ għall-aspirazzjonijiet pożittivi u ta' ġid sostenibbli.

Jien irrid inħeġġeġ liż-żgħażagħ Maltin biex jużaw dan iż-żmien ħalli jsaħħu fihom nfushom, il-ħeġġa li jaħsbu f'ħaddieħor, ħalli jgħinu fil-bini ta' komunitajiet reżiljenti, u li jkunu jistgħu jiffaċċjaw u jegħelbu l-isfidi li ġġib magħha l-ħajja, mingħajr diżgwid u ġlied fostna.

Jien nemmen li l-ġenerazzjoni żagħżugħa f'pajjiżna, għandha tkun voċifera, favur inizjattivi pożittivi u rispettużi biex niżviluppaw futur mimli ġid sostenibbli, għal kull min qed jgħix f'pajjiżna.

Dan il-messaġġ, għal ħajja altruwista, ta' rispett, ta' dinjita', ta' inklużjoni, u ta' ugwaljanza, insibuh fil-qalba tal-Aġenda 2030 tal-Ġnus Magħquda u s-sbatax-il mira għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-Aġenda 2030 hija sistema ta' valuri, b'sensiela ta' oġġettivi biex, id-dinja titħeġġeġ, ħalli twettaq, fil-prattika, il-ġustizzja soċjali, tibni dinja ta' opportunitajiet ugwali; billi tinkludi lir-razza umana kollha, u tħeġġeġ biex naħsbu f'xulxin, ħalli nassiguraw li l-iżvilupp tagħna jkun wieħed sostenibbli.

Fil-laqgħat tiegħi, ma' tfal u maż-żgħażagħ fl-iskejjel, qed ikunu ta' spiss, l-okkażjonijiet fejn niddiskutu dawn il-bżonnijiet biex nilħqu l-miri għall-iżvilupp sostenibbli, għad-dinja biex tagħti spazju xieraq għal kulħadd.

Il-Mira Numru 10, partikolarment, tisħaq fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn in-nies kollha, mingħajr differenza, ta' minn fejn ġejjin, jew ta' liema kultura jħaddnu.

L-Aġenda 2030 tisħaq fuq razza umana waħda, li lkoll, aħna minn aħna, jixirqilna niġu trattati, b'rispett, b'dinjita' u b'imħabba.

Meta naġixxu b'mod rispettuż, u b'mod altruwistiku, bħalma jaġixxi Owen ma' Jake, aħna nkunu qiegħdin nuru kwalitajiet ta' leadership b'saħħtu, li huma essenzjali għall-futur ta' pajjiżna.

Fil-komunitajiet tagħna, hemm nies li qed jesperjenzaw il-faqar, il-prekarjat, u l-esklużjoni soċjali.

Hemm nies fil-komunitajiet tagħna li jibżgħu jagħmlu kuntatt ma' oħrajn, minħabba diskriminazzjoni u preġudizzju.

Hemm nies fil-komunitajiet tagħna li jħossu li m'għandhomx vuċi biex jsemmgħu it-tħassib tagħhom.

Għaldaqstant, nħeġġieġ liż-żgħażagħ, biex bħal Owen, jappoġġjaw lil dawk ta' madwarhom, u jgħinuhom biex jħossuhom empowered u nklużi fis-soċjeta'.

Nixtieq nħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jkunu xempji tas-solidarjeta', speċjalment ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta' tagħna.

Għeżież Żgħażagħ, kunu kuraġġużi, u tiddejqux tagħtu l-għajnuna u s-sapport tagħkom lil sħabkom, lil dawk li għaddejjin minn xi diffikultajiet, u anke fejn hemm bżonn, nies li ma tafux.

Għeżież żgħażagħ, inħeġġiġkom biex dejjem tiftakru, li l-isforzi tagħna, u dak kollhu li nagħmlu f'ħajjitna, rridu nibdewh bir-rispett...rispett, li huwa valur fundamentali għal demokrazija attiva, b'saħħitha, u parteċipattiva.

Jekk aħna ma nkunux rispettużi, ma nkunux nistgħu noħolqu kultura ta' paċi pożittiva u sostenibbli, u ġid ħolistiku, li huma pedamenti fundamentali għall-iżvilupp b'saħħtu tal-komunitajiet tagħna u ta' pajjiżna.

Il-Laboratorju tal-Paċi, permezz tal-ħidma tiegħu qiegħed jibgħat messaġġ b'saħħtu, dwar l-importanza li, l-membri kollha tas-soċjeta' tagħna, jkollom l-opportunita' li jipparteċipaw b'mod sħiħ.

Jiena kburija li fil-qalba tax-xogħol li qed isir minn Patri Dijonisju Mintoff, u l-Laboratorju tal-Paċi, hemm messaġġ qawwi ta' rispett, ta' solidarjeta' u  ta' mħabba.

Għaldaqstant nħeġġeġ lill-poplu Malti, biex flimkien naħsbu, f'modi kif nuru l-imħabba u l-kompassjoni ma' dawk li niltaqgħu magħhom, biex niżguraw li dawn ma' jkunux iżolati, ma jkunux iddiskriminati, jew ma jkunux vittmi ta' bullying u preġudizzji.

Jien nittama li, bl-eżempju ta' żgħażagħ bħal Owen, bħala poplu nkunu nistgġu npoġġu l-promozzjoni tal-paċi, u l-wellbeing, bħala parti intrinsika fil-ħajja tagħna bħala nazzjoni.

Fl-aħħarnett, għal darb'oħra rrid nifraħ lil Owen Vassallo għal dan il-premju prestiġġjuż u minn qalbi, nixtieqlu l-isbaħ xewqat għall-futur.

Jien tassew kburija bik għażiż Owen.

Grazzi.